# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1345

## tat-18 ta' Lulju 2017

## li jwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2017 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 105(1), (2), u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2016 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1367/2014 ([2]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2072 ([3]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ([4]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/73 ([5]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għas-sena 2017 ġew stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1903 ([6]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 ([7]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 ([8]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 ([9]).

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1367/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jiffissa għall-2015 u l-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2072 tas-17 ta' Novembru 2015 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1221/2014 u (UE) 2015/104 (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/73 tat-18 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 16, 23.1.2016, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1903 tat-28 ta' Ottubru 2016 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 295, 29.10.2016, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 26).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/127 tal-20 ta' Jannar 2017 li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2017, p. 1).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd futuri ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li dan it-tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena jew fis-snin sussegwenti billi jiġu applikati l-fatturi rispettivi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dawk il-paragrafi.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2016. Għalhekk, jixraq li jitwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2017 u, fejn rilevanti, fis-snin sussegwenti, għall-istokkijiet mistada żżejjed.

(6) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2226 ([1]) u (UE) 2017/162 ([2]) stipulaw tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għal ċerti pajjiżi u għal ċerti speċijiet għall-2016. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri, it-tnaqqis li kellu jiġi applikat għal ċerti speċijiet kien ikbar mill-kwoti rispettivi disponibbli fl-2016 u għalhekk ma setax jitwettaq bis-sħiħ matul dik is-sena. Biex ikun żgurat li f'dawn il-każijiet jitnaqqas l-ammont kollu għall-istokkijiet rispettivi, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis tal-kwoti għall-2017 u, fejn rilevanti, minn kwoti sussegwenti.

(7) Fil-qafas tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([3]), permezz ta' ittra bid-data tas-16 ta' Novembru 2016, il-Belġju talab il-permess tal-Kummissjoni biex ikun jista' jiżbarka kwantitajiet addizzjonali tal-barbun imperjali u tal-barbun lixx fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV (T/B/2AC4-C) fil-limiti ta' 10 % tal-kwota. Il-kwantitajiet addizzjonali li ngħataw fl-2016 skont din il-proċedura jeħtieġ li jitqiesu li jiskorru l-iżbarki permessi għall-iskopijiet tat-tnaqqis previst fl-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(8) It-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd previst minn dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis applikabbli għall-kwoti tal-2017 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 ([4]).

(9) Billi l-kwoti jingħataw f'tunnellati, il-kwantitajiet ta' ħut li nstadu żżejjed li fihom inqas minn tunnellata ma għandhomx jitqiesu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwoti tas-sajd iffissati fir-Regolamenti (UE) 2016/1903, (UE) 2016/2285, (UE) 2016/2372, u (UE) 2017/127 għas-sena 2017 għandhom jitnaqqsu skont kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 185/2013.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2226 tad-9 ta' Diċembru 2016 li jwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2016 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti (ĠU L 336, 10.12.2016, p. 28).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/162 tal-31 ta' Jannar 2017 li jwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd ta' ċerti stokkijiet fl-2016 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2226 li jwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2016 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti (ĠU L 27, 1.2.2017, p. 101).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tas-sajd allokati lil Spanja fl-2013 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed ta' ċertu kwota tal-kavalli fl-2009 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**TNAQQIS MILL-KWOTI TAL-ISTOKKIJIET LI SAR SAJD EĊĊESSIV TAGĦHOM**

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| BE | SRX | 07D. | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId | 87 000 | 86 919 | 91 566 | 105,35 % | 4 647 | / | / | / | 4 647 |
| BE | SOL | 7FG. | Lingwata komuni | Iż-żoni VIIf u VIIg | 487 000 | 549 565 | 563 401 | 102,52 % | 13 836 | / | / | / | 13 836 |
| BE | SOL | 8AB. | Lingwata komuni | Iż-żoni VIIIa u VIIIb | 42 000 | 281 638 | 287 659 | 102,14 % | 6 021 | / | C (6) | / | 6 021 |
| BE | T/B | 2AC4-C | Barbun imperjali u barbun lixx | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 329 000 | 481 000 | 514 275 | 106,92 % | 33 275 (7) | / | / | / | 33 275 |
| DE | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 2 118 | Ma japplikax | 2 118 | / | / | / | 2 118 |
| DE | MAC | 2CX14- | Kavalli | Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV | 22 751 000 | 21 211 759 | 22 211 517 | 104,71 % | 999 758 | / | / | / | 999 758 |
| DK | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 1 350 | Ma japplikax | 1 350 | / | / | / | 1 350 |
| DK | HER | 1/2- | Aringi | L-ilmijiet tal-Unjoni, tal-Gżejjer Faeroe, tan-Norveġja u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II | 7 069 000 | 10 331 363 | 10 384 320 | 100,51 % | 52 957 | / | / | / | 52 957 |
| DK | JAX | 4BC7D | Sawrell u ħut ieħor assoċjat | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IVb, IVc u VIId | 5 519 000 | 264 664 | 265 760 | 100,42 % | 1 096 | / | / | / | 1 096 |
| DK | MAC | 2A34. | Kavalli | Iż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u tas-Subdiviżjonijiet 22-32 | 19 461 000 | 13 354 035 | 14 677 440 | 109,91 % | 1 323 405 | / | / | / | 1 323 405 |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| DK | MAC | 2A4A-N | Kavalli | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni IIa u IVa | 14 043 000 | 14 886 020 | 16 351 930 | 109,85 % | 1 465 910 | / | / | / | 1 465 910 |
| DK | NOP | 04-N. | Merluzz tan-Norveġja | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV | 0 | 0 | 22 880 | Ma japplikax | 22 880 | / | / | / | 22 880 |
| DK | OTH | *2AC4C | Speċijiet oħra | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 6 018 300 | 3 994 920 | 4 508 050 | 112,84 % | 513 130 | 1,2 | / | / | 615 756 |
| DK | POK | 1N2AB. | Pollakkju iswed | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | / | 0 | 3 920 | Ma japplikax | 3 920 | / | / | / | 3 920 |
| DK | SAN | 234_1 | Ċiċċirella | Żona ta' ġestjoni 1 taċ-ċiċċirella fl-ilmijiet tal-Unjoni | 12 263 000 | 12 517 900 | 12 525 750 | 100,06 % | 7 850 | / | / | / | 7 850 |
| DK | SAN | 04-N. | Ċiċċirella | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV | 0 | 0 | 19 860 | Ma japplikax | 19 860 | / | / | / | 19 860 |
| ES | ALB | AN05N | Alonga tat-Tramuntana | L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N | 14 917 370 | 14 754 370 | 16 645 500 | 112,82 % | 1 891 130 | 1,2 | / | / | 2 269 356 |
| ES | ALF | 3X14- | Fonsa ħamra | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV | 67 000 | 86 159 | 79 185 | 91,90 % | – 6 974 | / | / | 817 | 0 |
| ES | BSF | 8910- | Ċinturin Iswed | L-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X | 12 000 | 24 004 | 16 419 | 68,41 % | – 7 585 | / | / | 2 703 | 0 |
| ES | BUM | ATLANT | Marlin blu | L-Oċean Atlantiku | 0 | 0 | 13 396 | Ma japplikax | 13 396 | / | A | / | 20 094 |
| ES | COD | 1/2B. | Bakkaljaw | Iż-żoni I u IIb | 13 192 000 | 9 730 876 | 9 731 972 | 100,01 % | 1 096 | / | / | / | 1 096 |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| ES | GHL | 1N2AB. | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | / | 9 000 | 27 600 | 306,67 % | 18 600 | 1,0 | A | / | 27 900 |
| ES | GHL | N3LMNO | Ħalibatt tal-Groenlandja | Iż-żona 3LMNO tan-NAFO | 4 067 000 | 4 070 000 | 4 072 999 | 100,07 % | 2 999 | / | C (6) | / | 2 999 |
| ES | SRX | 67AKXD | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k | 876 000 | 459 287 | 469 586 | 102,24 % | 10 299 | / | / | / | 10 299 |
| ES | SRX | 89-C. | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIII u IX | 1 057 000 | 925 232 | 956 878 | 103,42 % | 31 646 | / | A | 131 767 | 179 236 |
| ES | WHM | ATLANT | Marlin abjad | L-Oċean Atlantiku | 2 460 | 2 460 | 9 859 | 400,77 % | 7 399 | 1,0 | A | 138 994 | 150 092 |
| FR | LIN | 04-C. | Lipp | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IV | 162 000 | 262 351 | 304 077 | 115,91 % | 41 726 | 1,0 | / | / | 41 726 |
| FR | POK | 1/2/INT | Pollakkju iswed | L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II | 0 | 0 | 2 352 | Ma japplikax | 2 352 | / | / | / | 2 352 |
| FR | RED | 51214S | Redfish (pelaġiku tal-baxx) | L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 0 | 0 | 29 827 | Ma japplikax | 29 827 | / | / | / | 29 827 |
| FR | SBR | 678- | Il-paġella ħamra | L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII | 6 000 | 28 817 | 31 334 | 108,72 % | 2 517 | / | / | / | 2 517 |
| FR | SRX | 07D. | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona VIId | 663 000 | 630 718 | 699 850 | 110,96 % | 69 132 | 1,0 | A | / | 103 698 |
| FR | SRX | 67AKXD | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k | 3 255 000 | 3 641 000 | 39 254 | 101,08 % | 39 254 | / | / | / | 39 254 |
| FR | WHG | 08. | Merlangu | VIII | 1 524 000 | 2 406 000 | 2 441 333 | 101,47 % | 35 333 | / | / | / | 35 333 |
| IE | PLE | 7FG. | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIIf u VIIg | 200 000 | 66 332 | 67 431 | 101,66 % | 1 099 | / | / | / | 1 099 |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) [1] | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni [2] | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali [3] [4] | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti [5] (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| IE | POK | 1N2AB. | Pollakkju iswed | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | / | 0 | 5 969 | Ma japplikax | 5 969 | / | / | / | 5 969 |
| IE | SRX | 67AKXD | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k | 1 048 000 | 949 860 | 980 960 | 103,27 % | 31 056 | / | A [6] | / | 31 056 |
| NL | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 1 260 | Ma japplikax | 1 260 | / | / | / | 1 260 |
| NL | HAD | 7X7A34 | Merluzz tal-linja sewda | Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 | / | 559 | 26 220 | Ma japplikax | 25 661 | / | / | / | 25 661 |
| NL | HER | *25B-F | Aringi | Iż-żoni II, Vb fit-Tramuntana ta' 62° N (l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe) | 736 000 | 477 184 | 476 491 | 99,86 % | – 693 | / | / | 23 551 | 22 858 |
| NL | OTH | *2A-14 | Qabdiet aċċessorji assoċjati mas-sawrell (minfaħ, merlangu u kavall) | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa, VI, VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 1 663 800 | 1 777 300 | 2 032 689 | 114,37 % | 255 389 | 1,2 | / | / | 306 467 |
| NL | POK | 2A34. | Pollakkju iswed | Iż-żoni IIIa u IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u tas-Subdiviżjonijiet 22-32 | 68 000 | 110 846 | 110 889 | 100,04 % | 43 [8] | / | / | 1 057 | 1 057 |
| NL | T/B | 2AC4-C | Barbun imperjali u barbun lixx | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 2 493 000 | 2 551 261 | 2 737 636 | 107,31 % | 186 375 | / | / | / | 186 375 |
| PT | BUM | ATLANT | Marlin blu | L-Oċean Atlantiku | 49 550 | 49 550 | 50 611 | 102,14 % | 1 061 | / | / | / | 1 061 |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| PT | GHL | 1N2AB | Il-ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | / | 18 487 | 18 487 | Ma japplikax | 18 487 | / | / | / | 18 487 |
| PT | MAC | 8C3411 | Kavalli | Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 | 6 971 000 | 6 313 658 | 6 823 967 | 108,08 % | 510 309 | / | / | / | 510 309 |
| PT | SRX | 89-C. | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIII u IX | 1 051 000 | 1 051 000 | 1 068 676 | 101,68 % | 17 676 | / | / | / | 17 676 |
| PT | RJB | AN05N | Pixxispad | L-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N | 1 161 950 | 1 541 950 | 1 561 142 | 101,24 % | 19 192 | / | / | / | 19 192 |
| UK | DGS | 15X14 | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV | 0 | 0 | 12 585 | Ma japplikax | 12 585 | / | / | / | 12 585 |
| UK | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 17 776 | Ma japplikax | 17 776 | / | / | / | 17 776 |
| UK | HER | 4AB. | Aringi | L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N | 70 348 000 | 70 710 390 | 73 419 998 | 103,83 % | 2 709 608 | / | / | | 2 709 608 |
| UK | MAC | 2CX14- | Kavalli | Iż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni IIa, XII u XIV | 208 557 000 | 195 937 403 | 209 143 232 | 106,74 % | 13 205 829 | / | A (6) | / | 13 205 829 |
| UK | SAN | 234_1 | Ċiċċirella | Żona ta' ġestjoni 1 taċ-ċiċċirella fl-ilmijiet tal-Unjoni | 268 000 | 0 | 0 | Ma japplikax | 0 | / | / | 1 466 168 | 1 466 168 |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem l-ispeċi | Isem iż-żona | Kwota oriġinali tal-2016 (f'kilogrammi) | L-iżbarki permessi għall-2016 (Il-kwantità totali addattata f'kilogrammi) (1) | Qabdiet totali fl-2016 (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-konsum tal-kwota mqabbel mal-iżbark permess | Is-sajd eċċessiv imqabbel mal-iżbark permess (il-kwantità f'kilogrammi) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali (3) (4) | It-tnaqqis pendenti mis-snin preċedenti (5) (il-kwantità f'kilogrammi) | It-tnaqqis li jrid japplika fl-2017 (il-kwantità f'kilogrammi) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) | (12) | (13) | (14) |
| UK | SRX | 67AKXD | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k | 2 076 000 | 2 006 000 | 2 008 431 | 100,12 % | 2 431 | / | / | / | 2 431 |
| UK | T/B | 2AC4-C | Barbun imperjali u barbun lixx | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa u IV | 693 000 | 522 000 | 544 680 | 104,34 % | 22 680 | / | / | / | 22 680 |

(1) Il-kwoti disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet għas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji tal-opportunitajiet għas-sajd skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), it-trasferimenti tal-kwoti mill-2015 għall-2016 skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996 p. 3) skont l-Artikolu 5a tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 16), skont l-Artikolu 18a tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2015, p. 1), flimkien mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew ir-reallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet għas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. It-tnaqqis ekwivalenti għas-sajd eċċessiv * 1,00 għandu japplika fil-każijiet kollha ta' sajd żejjed li jkun daqs 100 tunnellata jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u dejjem jekk is-sajd eċċessiv jaqbeż l-10 %.

(4) L-ittra "A" turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 minħabba snin konsekuttivi ta' sajd żejjed fis-snin 2014, 2015 u 2016. L-ittra "C" turi li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 għaliex l-istokk huwa soġġett għal pjan multiannwali.

(5) Il-kwantitajiet li fadal li ma setgħux jitnaqqsu fl-2016 skont ir-Regolament (UE) 2016/2226 kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/162 billi ma kienx hemm kwota disponibbli, jew ma kienx hemm kwota biżżejjed.

(6) Il-fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ma jistax jiġi applikat billi s-sajd eċċessiv ma jaqbiżx l-10 % tal-iżbark permess.

(7) Fuq talba tal-Belġju, il-Kummissjoni ppermettiet żbarki addizzjonali sa 10 % tal-kwota għal T/B skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

(8) Il-kwantitajiet ta' inqas minn tunnellata ma jitqisux.